# L-ANGLI TAL-HNIENA

Imelda qamet bhas-soltu u meta marret fil-kcina sabet nota li zewgha hallilha fejn tidher fuq il-mejda. “Tlaqt ghal kollox u ma taranix izjed.”

Kbiet meta taf li ma kellhiex hlief ftit centezmi u tlett itfal biex titma’ – zewg subien tewmin ta’ seba’ snin u tifla ta’ sentejn. Meta kbiet bizzejjed hekk li ma kienx fadallha dmugh aktar xi xerred, giet f’taghha u rabbiet il-kuragg biex taffronta s-sitwazzjoni. Missier it-tfal qatt ma kien aktar minn prezenza li jibzghu minnu. Kull darba li kienu jisimghu r-roti tal-karozza jgermu z-zrar ta’ quddiem il-bieb tad-dar, it-tfal kien jmorru dritt f’kamarthom.

Kull gimgha kien ihallihom xi flus biex Imelda tixtri xi ikel, imma issa li ddecieda li jabbanduna l-familja tieghu ma kienx ser ikun hemm aktar ikel u anqas swat u ghajjat.

Minkejja dawn id-diffikulta’ kollha, Imelda kienet dejjem izzomm lil uliedha nodfa xummiema u mill-karita’ li kienet tiddobba minghand il-girien kienet tghaddi bi tbatija kbira. Riedet issib xoghol biex il-hajja ma tkunx daqshekk iebsa.

Waqt li kienu jkunu l-iskola kienet tmur tfittex ix-xoghol fil-fabbriki u hwienet ta’ l-ikel. Ebda fortuna. Imelda kienet titlobhom bil-herqa biex jipprovdulha xoghol; kienet tghidilhom li lesta li titghallem basta ddahhal xi haga tal-flus biex hi u tfal ma jkomplux jghixu f’dak il-faqar estrem.

Wara li kienet ilha gimgha tigri ‘l hawn u ‘l hemm sabet hanut ta’ l-ikel daqs kwarta boghod bil-karozza mid-dar taghha. Kien jismu “Ir-Rota l-Kbira” billi hafna kienu s-sewwieqa tat-truckijiet kbar li kienu jieqfu jieklu, jistriehu u jiehdu xi nghasa fil-vettura taghhom qabel ma jkomplu l-vjagg twil taghhom. Olga mara anzjana kienet sid dan il-hanut u meta semghet l-isfortuna ta’ Imelda thassritha u mpjegata biex tghin f’dak kollu li jkun hemm bzonn. Xogholha kellu jkun matul il-lejl bejn l-ghaxra u s-sitta ta’ filghodu bejn it-Tnejn u l-Gimgha. Imelda ftehmet ma’ tfajla zaghzugha onesta u tal-galbu li kienet toqghod fit-tarf tat-triq li tigi torqod mat-tfal matul il-lejl.

Meta rat li kollox kien ippjanat u organizzat kif xtaqet nizlet gharkubtejha u rringrazzjat lil Alla. L-ghada bdiet ix-xoghol. Daqqa fil-kcina tghin lill-kok, ohra sservi l-platti lill-klienti; fi ftit kliem taghmel dak li jehtieg.

Dak il-ftit li kienet taqla’ ghenha biex ittaffi kemm kemm it-toqol tal-hajja. Billi kien riesaq il-Milied kienet qed twarrab xi haga tal-flus biex bihom tixtri rigali ghat-tfal minn xi hjata li kultant kienet taghmel ghal girien, imma rat li ahjar tonfoq dawn il-flus fi hwejjeg ta’ aktar htiega.

Xi hadd kien taha karozza u truck tal-loghob li ghalkemm kienu jahdmu, ma tantx kienu kundizzjoni tajba minn barra. Hija ma tatx ruhha b’mirbuha ghaliex xtrat bott zebgha u filghaxija meta t-tfal kienu jkunu rieqda kienet tinzel fil-kantina u tizboghhom. Il-pupa li kienu tawha flimkien mal-karozza u t-truck kellha bzonn ta’ libsa. Haga zghira hafna ghaliex billi kienet taf thit, f’tebqa t’ghajn fasslet u hitet wahda u libbsitilha. Hekk kienet mohha mistrieh li t-tfal kienu ser jifirhu.

Lejliet il-Miled wasal u ghadda; fil-hanut ir-”Rota l Kbira”

kien hemm xoghol aktar mis-soltu ghax Imelda ghejjiet gejja u sejra tqassam il-platti bl-ikel lill-klijenti li n-numru taghhom kien zdied dak in-nhar. Meta waslet biex titlaq Olga sid il-hanut qaltilha: “Imelda ghada, jum il-Milied jghogbok tigi hawn u iggib it-tfal mieghek. Nghaddu l-jum flimkien.”

“Kieku xtaqt imma…” u gidmet ilsienha ghax ma riditx toffendi lis-Sinjura Olga billi maghha kienet uriet hniena kbira fil-mument tal-bzonn. Xtaqet tghaddi dan il-jum sabih fl-ambjent tad-dar, ghalkemm fqir, ma’ uliedha. Hija gharfet li din l-istedina Olga ghamlithielha biex ma tkunx wahedha. Zewgha kien miet, hallielha l-hanut ta’ l-ikel li kien jirrendilha hafna u minn dak in-nhar li sfat armla, l-Milied kienet tghaddih wahedha.

“Ma tridx tigi?,” staqsietha Olga b’lehen ta’ wahda qisu jittallab il-hniena.

“Le le,” wegbitha minnufih Imelda u f’mohha dak il-hin fasslet twegiba biex Olga ma toffendix ruhha. “Inti taf li jiena mara li finanzjarjament ghaddejja minn zmien ikrah hafna u ma nistax nirreciprokalek din l-istedina tieghek.”

Olga hadet nifs gewwa u wegbitha: “Jiena ma hu qed nippretendi xejn. It-tnejn flimkien nistghu ninsew ghal jum wiehed biss il-problemi tal-hajja.”

“Grazzi,” wegbitha Imelda,” Lilna tarana ghal xi l-hdax.”

Hekk kif telqet minn hdejn Olga u marret fejn il-karrozza rat li kienet mimlija kaxxi ta’ kull kwalita’ u qisien. Fethet il-bieba tal-karrozza u gibdet l-ewwel kaxxa. Fiha kien hemm par qliezet tal-jeans; f’kaxxa ohra sabet xi qomos li jmorru

mal-qliezet. Ittawlet f'kaxxi ohra u sabithom mimlija ikel u helu. Tlett kaxxi ohra distinti mill-ohrajn kienu juru li huma rigali sbieh ghat-tfal.

Imelda ssoponiet minn fejn kien gej dak il-gid kollu u c-capcip gej mill-hanut ikkonfermalha hsiebha. Dawret wiccha u lemhet lis-sewwieqa tat-trukkijiet wara t-twieqi tal-hanut icapcpu u jhabbtu fuq il-hgieg. Halliet il-bieba miftuha u marret tigri lura fil-hanut. Irringrazzjat lill-klijenti li ghenuha fil-bzonn.

F'jum il-Milied Imelda marret mat-tfal taghha ghand Olga. Is-sinjura ppreparatilhom mejda b'ikel tajjeb li la qatt raw bhalu u aktar u aktar anqas qatt daqu. F'nofs il-mejda kien hemm id-dundjan misjur sabih u ifuh, imsajjar minn Gulju l-kok.

In-nisa tkellmu, it-tfal laghbu b'dak li Olga kien xtratilhom. Fi tmiem il-jum qabel Imedia telqet Olga tat lil kulhadd kaxxi b'ilbies tassew pulit.

Kienet l-isabh gurnata f'hajjet Imelda. Fi triqthom lura lejn id-dar hija ma waqfitx tolfoq b'sens ta' gratitudni. Qatt ma setghet tinsa' il-ferh fuq wicc iz-zghar taghha f'dik il-ghodwa tal-Milied.

Iva kien hemm angli li jafu jhennu u jifhmu t-tbatija tal-faqar.